# AVVIŻI

1. Il-Ħadd 1 u 15 ta' Ottubru 2023 fil-5.00p.m.
   Il-Ħadd 5 u 19 ta' Novembru 2023 fit-3.30p.m.
   Il-Ħadd 3 u 17 ta' Diċembru 2023 fit-3.00p.m.
   Il-Ħadd 7 u 21 ta' Jannar 2024 fit-3.00p.m.
2. Dawk li qalgħu xi grazzja huma mħeġġa li jiktbulna l-grazzja u jagħtuna kemm jistgħu dettalji dwarha. Tinsewx tiktbu isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefown. **Grazzji mingħajr isem sħiħ, indirizz u numru tat-telefown ma jiġux ikkunsidrati.** Jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fuq il-fuljett dan ma jiġix ippubblikat. Huwa mportanti li, kemm jista' jkun, ittuna ċ-ċertifikat tat-tabib fejn jiċċertifika l-fejqan tagħkom.
3. Inħeġġu lill-qarrejja biex jimlew il-formola ta' sħubija fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn il-formoli jistgħu jittieħdu mill-Girgenti stess jew billi tiktbu lis-Segretarja, Dr. Sylvana Azzopardi, 6, Sqaq Nru. 2, Triq il-Kbira, Siġġiewi, SGW 1320 jew email fuq ourladyofconsecration@gmail.com.
4. Min hu nteressat li jkun jaf aktar dwar il-ġrajjiet tal-Girgenti infakkrukom li matul is-snin ġew ippubblikati seba' kotba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż kif ukoll *brochure* b'informazzjoni ġenerali dwar Ġuża u l-Girgenti. Dawn il-kotba u l-brochure jistgħu jinkisbu jew mill-Girgenti jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz hawn fuq imsemmi.
5. Wieħed jista' jakkwista wkoll santi bit-talba ta' interċessjoni ta' Ġuża Mifsud (bil-Malti u bl-Ingliż) kif ukoll domni, *keychains,* u kuruni bix-xbieha tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn jinkisbu mill-Girgenti jew inkella mingħand xi membru tal-Kumitat.
6. Kopji antiki kollha ta' dan il-fuljett jistgħu jinqraw minn fuq il-*website*.
7. L-indirizz tal-*website* tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni huwa dan li ġej: www.ourladyofconsecration.org
8. Facebook: Madonna tal Konsagrazzjoni u Youtube: OurLady OfConsecration u Guza Mifsud

DIKJARAZZJONI: Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 136 Ottubru 2023 ĦARĠA ELETTRONIKA



**"Kristu mhux qiegħed ibati biss, imma qiegħed jilqa' t-tbatija tan-nies, ta' dawk li ħa jiġu hawnhekk fil-Girgenti. Għandek l-id il-leminija li qed tilqa' it-tbatija, kulħadd ikollu it-tbatija tiegħu, u bl-id ix-xellugija jgħid, 'din ser nerfagħha jiena.'"**

**Indri Attard**

***L-istatwa ta' Ġesù jbati maħduma minn Indri Attard***

## TITBIEREK L-ISTATWA L-ĠDIDA TA' ĠESÙ JBATI

Wara ħafna preparamenti waslet il-ġurnata tant mistennija. Il-Ħamis 21 ta' Settembru 2023 jibqa' mnaqqax fil-moħħ u l-qlub ta' ħafna għaliex il-vojt li kien hemm ħdejn is-salib sa minn Ottubru tas-sena l-oħra, reġa' mtela bi statwa majjestuża u artistika maħduma mill-iskultur bravu Indri Attard.

# L-istatwa tinġarr għall-Girgenti

Bi tħejjija għall-Ħamis 21 ta' Settembru, l-istatwa nġarret mill-istudios ta' Indri Attard it-Tnejn 18 ta' Settembru 2023. Grazzi lill-voluntiera kollha li għenu sabiex dan seta' jsir.



***L-istatwa ta' Ġesù titgħabba fuq van f'Ħaż-Żebbuġ***



***L-istatwa tiela mill-pjazza tas-Siġġiewi***



***Indri jiffinalizza t-twaħħil tal-istatwa fil-Girgenti***



# Quddiesa fil-Girgenti

Kienet ix-xewqa tal-Kumitat li dakinhar li tiġi inawgurata l-istatwa l-ġdida, fil-Girgenti titqaddes quddiesa b'ringrazzjament lil Alla. Intalab il-permess lill-Isqof Galea Curmi u l-permess ħareġ. Bix-xieraq li l-quddiesa tqaddset mill-Arċipriet tas-Siġġiewi, Fr. Josef Mifsud.

Fil-bidu tal-quddiesa Fr. Josef qal hekk:

"Ħuti merħba għal din l-Ewkaristija, merħba f'dan l-oważi ta' paċi, tieħu r-ruħ tiġi ħawnhekk u hekk ġejna minn kull naħa ta' Malta, ġejjin minn postijiet differenti, ġejna lkoll f'riġlejn Marija, ġejna lkoll f'riġlejn Ommna, ġejna lkoll fil-post fejn insibu s-serħan, il-post fejn nistgħu inferrgħu il-piżijiet tagħna, il-post li nistgħu inferrgħu dak li jtaqqalna, dak li jweġġana, dawk li jmarradna, dak li jfixxkilna.

Ġejna kull wieħed u kull waħda minna bix-xkora tiegħu hawnhekk. Ġejna f'riġlejn Marija għax Marija tressaqna għand Ġesù."



***Fr. Josef Mifsud, Arċipriet tas-Siġġiewi***

Peress li l-21 ta' Settembru hija l-festa ta' San Mattew, l-evanġelju kien jitratta dwar is-sejħa ta' Ġesù lil Mattew. Kien għalhekk li Fr. Josef għamel dan il-ħsieb:

"Fil-vanġelu tallum hemm dettal illi llum hekk laqatni ħafna, forsi jiġri lilna li l-vanġelu naqrawh u nkun nafuh bl-amment. Malli jibda jaqra l-qassis forsi nibdew ngħidu ehh dik illum, tas-sejħa ta' Mattew imma l-kelma ta' Alla għaliex hija kelma ħajja u qawwija nibqgħu dejjem insibu xi ħaġa ġdida, xi ħaġa li tolqotna. U llum waqt li qiegħed nirrifletti għidt kos, aħna għandna lista ta' tnax-il appostlu, ħadd mit-12 ma mar ifittex lil Ġesù u jgħidlu *please* Ġesù daħħalni fit-team tiegħek... imma t-tnax kollha javviċinhom Ġesù, jieħu l-inizzjattiva Hu. Interessati li Mattew qed jikteb

qisu l-awtobijografija tiegħu stess, jiġifieri preċiż iżjed minn hekk ma jistax ikun. Jgħidilna kien mal-mejda tat-taxxi u Ġesù sejjaħlu u jitlaq kollox u jmur warajh. Issa tgħidli, 'Jista' jitlaq kollox?' Probabbli ġol qalb ta' Mattew kien ilha għaddejja din il-battalja, probabbli fil-qalb ta' Mattew kien ilha tinħema il-fatt illi forsi kien hemm xi ħaġa li jixtieq, kien hemm xi ħaġa li mhux qegħda tħallih ikun f'postu, u dak li kien għad jonqsu li Ġesù jsejjaħlu u jitlaq kollox u jmur warajh. Huwa Ġesù li jieħu l-inizzjattiva.

U jiena din ir-riflessjoni li nixtieq naqsam magħkom illum. Kultant fil-ħajja tiegħi jiġrili l-istess. Ngħid għalija ġieli forsi tiġi ġurnata jew jiġi perjodu ta' żmien li nħossni illaxkajt xi ftit fid-dmirijiet spiritwali tiegħi u mbagħad ikun Ġesù li jieħu din l-inizzjattiva u jiġi jfittixni Hu. Tgħidli kif? Xi mument ta' adorazzjoni forsi mhux ippjanata, jew forsi xi ħadd li jiġi jkellimni u minflok ma ngħidlu jien jgħallimni hu jew hi, jedifikani hu jew hi, xi opportunita forsi li jkolli nagħmel xi ħaġa, jew forsi xi tqarbin tal-morda... u meta nirrifletti ngħid, iżjed milli jien qed nagħmel xi ħaġa għal Ġesù, żgur li ma nista' nagħmel xejn, imma Hu li jiġri warajja ifittixni u jiġbidni lejh. Ħuti din tallum hija l-istess. Tgħidli, imma aħna ġejna hawnhekk, imma kien Hu li stedinna hawnhekk, kien Hu li ppermettilna li niġu hawnhekk... Żgur li permezz ta' din l-okkażżjoni jrid jgħidilna xi ħaġa, forsi irid jgħid xi ħaġa lilek, anka dak li ser nassistu għalih mhux biss fil-quddiesa imma anka wara din il-quddiesa.

X'irid jgħidli Ġesù permezz tagħha? L-inizjattiva dejjem f'idejh, Hu li jagħmel l-ewwel pass. Jiena u inti sempliċiment irridu nkunu ppreparati, irridu nkunu mħejjija xorta, jiġifieri l-parti tagħna rridu nagħmluha biex il-fjamma li Hu jqabbad fil-qalb tagħna...sta għalija jekk nitfijhiex jew jekk inrewwhiliex biex taqbad izjed. Tkun opportunita fejn nħallu lil Ġesù jixgħel il-fjamma fil-qalb tagħna u aħna nindukrawha din il-fjamma, nieħdu ħsiebha, inrewħulha u jekk hemm bzonn meta nerggħu immorru d-dar jew la niltaqghu ma shabna jew la niltaqghu mal-familja tagħna, din il-fjamma nkunu nistgħu ngħadduha lil min forsi l-fjamma tiegħu qegħda tbatti, ngħinuh biex iħeġġigħa.

Grazzi Mulej ta' din l-opportunita, grazzi li bħalma ħdimt ma Mattew, magħna wkoll tiġri warajna, tfittixna biex tiġbidna lejk. Dun Ġorġ kellu talba sabiħa ħafna... u nagħlaq biha, nomoduha flimkien:
O Ġesù fittixni biex nadurak, O Ġesù fittixni biex nadurak."

## It-Tberik tal-istatwa

Qabel inkixfet l-istatwa, il-President tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni, il-Perit Philip Azzopardi, qara dan il-messaġġ:

"Fis-16 ta' Ottubru tas-sena l-oħra lkoll inhsadna bl-aħbar li l-istatwa ta' Ġesù jbati fil-Girgenti kienet instabet maħruqa u li s-salib ta' ħdejha wkoll ġarrab ħsarat. L-ahbar griet malajr ma' Malta kollha. Ħassejna dieqa kbira u xi ftit rabja wkoll ghax ma konniex nafu x'ġara jekk kienx att vandalu jew hruq aċċidentali. Kienet ħasra u għafsa ta' qalb tara statwa bħal dik irmiet mal-art.



Imma l-Mulej huwa kbir wisq u malajr irċivejna telefonata permezz ta' Ivan Gaffiero li Indri Attard kien lest li jaħdem statwa ġdida ta' Ġesù jbati mingħajr ħlas. Konferma oħra ta' dak li Ġuża Mifsud, il-fundatriċi tagħna kienet tħobb tgħid, "Infaħħruk Mulej għax ma hawnx bħalek". Grazzja kbira!

Għaddew ftit ġimgħat u ltqajna bħala kumitat ma' Indri hawnhekk fil-Girgenti, sabiex flimkien niddeċiedu kif għandha ssir l-istatwa. Xtaqna li tkun kompatibbli mal-ambjent tal-post u mal-istatwi l-oħra li hawn diġà imma fuq kollox bħala Kumitat ridna li nkunu fidili ma' dak li kienet tgħidilna l-fundatriċi tagħna Ġuża Mifsud. Hi kienet tgħidilna li l-istatwa ta' Ġesù tridha kif kienet taraH li qed ibati ħafna u kienet tinsisti li l-istatwa trid turi lil Ġesu wieqaf, mingħajr salib u li ħwejjġu ma jkunux skullati. Tkompli tgħid li kien Ġesù stess li talabha li hawn fuq ikun hawn statwa tiegħu biex inkomplu nkabbru d-devozzjoni tagħna lejn it-tbatija li hu bata għalina sabiex jifdina.

Kif ser taraw, Indri fehem sew dak li xtaqet Ġuża. Huwa ħoloq statwa sabiħa u majjestuża li tixraq lill-Iben t'Alla magħmul bniedem, lil Ħuwna l-kbir kif tant kienet tħobb tirreferi Ġuża għal Ġesù. Il-wiċċ u l-posiżżjoni tiegħu jirriflettu t-tbatija li Huwa bata għall-bniedem....

Ma rridx intawwal u għalhekk nagħlaq billi l-ewwel nett nirringrazzja lit-Tliet Persuni Divini tas-Santissima Trinità u lis-sema kollha, kif ukoll lil Indri ta' din l-opra artistika li ser issebbaħ lil dan il-post mhux biss materjalment imma wkoll spiritwalment. Grazzi Indri. Grazzi wkoll lil diversi rġiel li għenu sabiex l-istatwa tinġieb minn Ħaż-Żebbug u titpoġġa hawnhekk.

Grazzi wkoll lil dawk kollha li għenuna finanzjarjament f'dawn l-aħħar xhur sabiex issir il-manutenzjoni u t-tiswija tal-ħsarat. Ghalhekk ringrazzjamenti mill-qalb imorru lil: Joseph Camilleri il-mastrudaxxa li rrestawra s-salib u li għamel dan bla ħlas; lil Agostino Montebello li rrestawra l-bieb u t-tieqa tal-kamra u n-*noticeboard*, ukoll bla hlas; lil persuna li tixtieq tibqa' anonima li ħallset għax-xogħol tal-ġebel li żdied mal-pedestal tal-Madonna u lil Joseph Sammut li ħadem dan ix-xoghol bi prezz sussisdjat. Dan ix-xogħol tal-pedestal kien neċessarju sabiex ma jkunx possibbli li xi ħadd iqiegħed xemgħat viċin l-istatwa tal-Madonna u dan biex nevitaw inċidenti simili. Nirringrazzjaw wkoll lil Carlos Calamatta li ħallas għal bieb ġdid li sar ħdejn l-istatwa ta' San Ġużepp u lil Philip Fenech, il-mastrudaxxa li ħadmu bi prezz sussidjat.

Nirringrazzjaw ukoll lis-Sur Ivan Gaffiero li llum ma setax ikun magħna għax imsiefer, imma li bat lis-Sinjorina Deborah Portelli li aktar tard ser tagħmel donazzjoni ta’ flus li ġew miġbura minn attività li Ivan organizza hawnhekk ftit xhur ilu. Nirringrazzjaw ukoll lil *Catenian Association* ta’ Malta għad-donazzjoni tagħhom sabiex ittaffi parti mill-ispejjez tas-*security cameras*. Nirringrazzjaw ukoll lill-kumpaniji *Fun & Go Internationa*l, Omajco Ltd, Ta’ Smina *Poultry*, Callus *Garden Centre* u lil George u Romina Mifsud u lil Emanuel Degiorgio għad-donazzjonijiet li taw bhala parti mill-ħlas għall-ħadid li qed jinħadem biex jitpoġġa madwar l-istatwa ta’ Gesù, sabiex tkun aktar protetta.

Dan ma jfissirx li lesti mix-xogħolijiet. Semmejt il-ħadid li ser iqum l-eluf kif ukoll insemmi tinda tal-injam pariġġ din it-tinda biex tipproteġi l-istatwa tal-Madonna mill-qilla tax-xemx u tax-xita. Dawn jiswew eluf ta’ Ewro u għaldaqstant l-għajnuna finanzjarja tagħkom tibqa’ dejjem tkun apprezzata ħafna. Grazzi mill-qalb."

Wara l-preżentazzjoni tal-flus mis-Sinjorina Deborah Portelli, inkixfet l-istatwa minn Indri Attard u Philip Azzopardi fost iċ-ċapċip ta' dawk preżenti.

Imbagħad l-Arċipriet tas-Siġġiewi bierek l-istatwa u wara li nqrat it-talba li biha nuru l-apprezzament tagħna lejn it-tbatija tal-Mulel Ġesù, din iċ-ċerimonja ġiet fi tmiemha bl-innu Flimkien Maħbub Ġesù. Id-daqq u l-kant matul din il-lejla kien f'idejn is-Sinjuri Carmen Aquilina u Gabriella Cassar.



*L-istatwa mikxufa minn Indri Attard u Philip Azzopardi*



*L-Arċipriet tas-Siġġiewi, Fr. Josef Mifsud ibierek l-istatwa*





Meta Indri Attard ġie mistoqsi dwar l-istatwa u t-tifsir tagħha huwa qal, "Kristu mhux qiegħed ibati biss, imma qiegħed jilqa’ t-tbatija tan-nies, ta’ dawk li ħa jiġu hawnhekk il-Girgenti. Għandek l-id il-leminija li qed tilqa' t-tbatija, kulħadd ikollu t-tbatija tiegħu. Għaldaqstant bl-id il-leminija qiegħed jilqa’ t-tbatija u bl-id ix-xellugija jgħid, 'din ser nerfagħha jiena.'"

Indri kompla jgħid, "Fuq il-wiċċ hemm demgħa li tirrapreżenta lil Kristu jibki flimkien man-nies li qed isofru xi tbatija.

Wieħed jista’ jdur miegħu u anka jara dak il-pass. Kristu qed jagħmel dak il-pass il quddiem, fl-istess ħin qed jgħidlek, 'inti minn mal-art tqum u tkompli timxi.' Hemm ħafna emozzjonijiet differenti...”

Indri Attard saħaq li l-istatwa tikkumplimenta l-ħemda li hemm fil-Girgenti, fil-fatt huwa għażel li juża kuluri newtrali li joħolqu bilanċ mal-ambjent antik u naturali … kompatibbli mal-Girgenti.

F'isem il-Kumitat Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni nirringrazzja lil kull min ta s-sehem tiegħu sabiex din l-okkażżjoni tkun suċċess.

**Sylvana Azzopardi LL.D**

## L-ANNIVERSARJU MILL-MEWT TA’ ĠUŻA MIFSUD

**Fl-okkażżjoni tas-seba' u għoxrin anniversarju mill-mewt ta’ Ġuża Mifsud, ser tiġi ċelebrata quddiesa għar-ruħha fil-Knisja Arċipretali tas-Siġġiewi il-Ġimgħa 27 ta’ Ottubru 2023 fis-6.30p.m.**